MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 78/2008

**Talba Nru: 78/08 PBC**

**Go P.L.C – C 22334**

**-vs-**

**Carmen Micallef u Nazzareno Micallef**
**I.D. 685257(M) u I.D.446455(M) rispettivament**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ sitt mija u hamsa u sebghin Euro u tnax-il centezmu (€675.12) – (Lm289.83c) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21466342 skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-Avviz mmarkati Dokumenti IZY1 u IZY2. Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu izda baqghu

nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenuti u li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' sitt mija u hamsa u sebghin Euro u tnax-il centezmu (€675.12) – (Lm289.83c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------